# Ir-Raħal tas-Siġġiewi[1]

Dun Nikol Aquilina D.Litt(Milan)

## Ir-Raħal tas-Siġġiewi ta' San Nikola

Fil-jum tal-Erbgħa tat-tieni xahar Frar 1575, il-Wisq Reverendu Sinjur Pietru Dużina J.U.D., Protonotarju u Viżitatur Apostoliku, niżel maż-żernieq mill-Kunvent ta' Santu Wistin tar-Rabat tal-Belt il-Qadima ta' Malta, flimkien mar-Rev. Sinjur Antonio Bartholo, Vigarju Ġenerali ta' Malta u r-Rev. Patri Damjan Taljana, duttur fit-Teoloġija Mqaddsa, u oħrajn. Personalment mar fir-Raħal tas-Siġġiewi u fil-Knisja Parrokkjali tal-imsemmi raħal taħt it-titlu ta' San Nikola. Qabel xejn intqal it-talb lil Alla quddiem l-artal maġġur u tqaddset quddiesa minn Dun Ġakbu Calleja Kappillan, kif ukoll wara saret prietka lill-ġemgħa miġbura mill-imsemmi Rev. Sinjur Vigarju. Għamel ukoll vista lis-Santissimu tal-Ewkaristija Mqaddsa, liema sagrament hu mqiegħed f'tabernaklu tal-bronż miksi bid-deheb u f'niċċa tal-injam taħt il-gwarniċ tal-artal mingħajr ebda pittura u mingħajr tiżjin. Lanqas jingħaraf fejn hu l-post tas-Santissimu Sagrament. F'din l-istess niċċa jinsabu wkoll żewġ kaxxi, waħda tal-injam u l-oħra tal-landa li fihom jinżammu ż-żjut imqaddsa kif ukoll borża tal-ġilda li fiha jinġarr is-Sagrament lill-morda, mingħajr ebda nforra, la minn barra u lanqas minn ġewwa. F'din l-imsemmija niċċa kien hemm ukoll kaxxa bil-korporali.



Is-Sinjur ordna li jintgħamel tabernaklu skont l-għamla preskritta li jkun miksi bil-ħarir fejn ikkonservat is-Santissimu Sagrament. Ukoll li jsir pissidi indurat bil-fidda skont l-għamla preskritta li b'dan il-mod is-Sagrament jittieħed lill-morda.

Iż-żjut imqaddsa għandhom jitqiegħdu f'tieqa fil-ħajt in-naħa tax-xellug tal-artal, li tingħalaq sewwa u minn ġewwa tkun miksija bil-ħarir.

La l-korporali u lanqas ħaġa oħra m'għandhom jitqiegħdu fit-tabernaklu tas-Sagrament li fih għandha tinżamm biss l-Ewkaristija.

Wara żar is-sagristija tal-imsemmija knisja, li qiegħda fil-parti ta' wara tal-artal maġġur; hi biżżejjed kemm fil-kobor kif ukoll fl-għamla; fiha m'hemm ebda armarju jew sedja jew banketta, kappella[2] jew friskatur.

Għalhekk is-Sinjur ordna li dawn isiru fi żmien xahar mir-Rettur taħt piena ta' għaxar skudi.

(Il-knisja) għandha żewġ pjaneti tad-drapp abjad bis-Slaleb tal-ħarir u żewġ paramenti.

Il-knisja m'għandhiex relikwi; għalhekk is-Sinjur ordna li dawn jinkisbu skont ir-regoli ġenerali.

## Il-Fonti tal-Magħmudija

Żar ukoll il-fonti tal-Magħmudija li nsibuh fl-imsemmija knisja qrib il-bieb il-kbir fin-naħa tal-lemin tad-daħla tagħha; qiegħed f'ħawt tal-ġebel mingħajr għatu tal-injam u mingħajr reffieda (sapport).

Għalhekk is-Sinjur ordna li jsir ħawt jew tal-ġebel jew għallinqas tal-injam u għatu miksi minn ġewwa bil-ġilda biex ma jidħolx trab; kif ukoll issir bieqja tal-fidda li tkun marbuta b'katina għall-ħasil tar-ras ta' dawk li jitgħammdu.

Il-Kappillan stqarr li bil-permess tar-Rev. Sinjur Isqof qed jgħammed bir-rit gallikan.[3]

Fi ħdan din il-Knisja Parrokkjali nsibu żewġ artali oħra, wieħed fuq il-lemin u l-ieħor fuq ix-xellug, li kważi jonqoshom dak kollu meħtieġ; f'dak tal-lemin issir quddies biss tal-wegħdi.

Dak tax-xellug tad-daħla tal-knisja hu ddedikat lil San Ġorġ. Pawlu Cosman hu fid-dmir li jara li jiġi ċelebrat l-għasar kif ukoll quddiesa fil-festa: l'imsemmi Pawlu mhux jissodisfa dan l-obbligu.

Għalhekk is-Sinjur ordna li l-istess Pawlu jiġi mwissi u mġiegħel skont il-forma preskritta tar-regoli ġenerali biex jissodisfa l-imsemmi dmir u jwettaq l-oħrajn.

Għandu jkun hemm lampier b'tal-inqas tliet xemgħat li jinxtegħlu fil-jiem tal-festa, waqt li jkun biżżejjed li tinxtegħel waħda fil-ġranet ordinarji.

L-artal maġġur għandu jkollu pedana.

## Il-Knisja tal-Viżitazzjoni tal-Imqaddsa Marija

Żar ukoll il-knisja taħt it-titolu taż-Żjara tal-Imqaddsa Marija mibnija fuq in-naħa tax-xellug tal-imsemmija Knisja Parrokkjali; din hi żgħira, għandha artal u bibien tal-injam, m'għandhiex rettur u lanqas dak li hu meħtieġ. Fil-jum tal-Viżitazzjoni tal-Imqaddsa Marija l-aħwa bniet tas-Sur Bert Aquilina jieħdu ħsieb li tiġi ċċelebrata (quddiesa tal-wegħda).

## Il-Knisja ta' San Bastjan

Żar ukoll knisja oħra taħt it-titolu ta' San Bastjan mibnija qrib l-imsemmija Knisja Parrokkjali; għandha artal u paviment, m'għandhiex la bibien tal-injam, la rettur u lanqas dak kollu li hu meħtieġ. F'jum il-festa, Dun Ġakbu Calleja jiċċelebra quddiesa tal-wegħda.

Is-sinjur ordna li jew jintgħamlu l-bibien tal-injam biex il-knisja tingħalaq jew ma jibqax isir aktar quddies fiha.

## Il-Knisja ta' San Mikiel

Żar ukoll knisja oħra ċkejkna taħt l-isem ta' San Mikiel mibnija qrib il-Knisja Parrokkjali; din hi ċkejkna u sabiħa, għandha artal, ikona tal-injam, bibien tal-injam, paviment; jonqosha rettur u affarijiet oħra meħtieġa.

Ukoll Dun Ġwann Mamo tal-Ordni ta' San Ġwann għandu l-obbligu li ġej minn missieru Mikiel Mamo biex f'jum il-festa jiċċelebra l-vespri tal-quddiesa, u dan minħabba

li l-imsemmi Mikiel ħalla bħala legat lill-imsemmija knisja, biċċa art f'post imsejjaħ Carne Saito, liema art hi f'idejn Dun Ġwann Mamo; dan ukoll għandu l-obbligu li jsewwi l-imsemmija knisja; obbligu li Dun Ġwann diġà wettqu.

Fl-imsemmi raħal hemm xiħ ta' mija u tmien snin li għadu f'saħħtu u qawwi[4] kif ukoll oħrajn li għandhom qrib il-mitt sena.

Dun Ġakbu Calleja, il-kappillan tal-imsemmi raħal, jilmenta li hu mhux obbligat u lanqas għandu jservi fil-Knisja Katidrali ta' San Pawl tal-Belt il-Qadima. Ma jistax ifalli wkoll l-imsemmi dmir bħala rettur u kappillan li hu obbligat jamministra s-sagrament fil-knisja tal-imsemmi raħal, kif ukoll fil-knejjes tal-irħula dipendenti mill-knisja tiegħu; hu talab li jiġi eżentat kompletament mill-imsemmi dmir għax altrimenti hu m'għandux biex jgħix u lanqas jista' jissodisfa d-doveri tiegħu sewwa, kif għandu jkun.

Ir-raħal tas-Siġġiewi fih madwar 220 familja. Għandu tlett irħula żgħar dipendenti mill-imsemmija knisja, jiġifieri Ħal Xluq li hu bogħod mill-imsemmi raħal ftit aktar jew ftit inqas minn mil; fih tletin familja; Ħal Kbir għandu bejn wieħed u ieħor għoxrin familja. Jinsab madwar mil 'il bogħod mis-Siġġiewi; għandu wkoll Ħal Kdieri li fih sitt familji u jinsab ftit aktar minn mil 'il bogħod.

Twaqqif ta' Konfraternità

Is-Sinjur waqqaf fil-Knisja Parrokkjali tas-Siġġiewi, il-Konfraternità tal-Ġisem ta' Kristu bl-għan li tħaddan il-membri fis-Santissimu Ġisem ta' Kristu għal waqt li dan jittieħed lill-morda u fid-dfin tal-mejtin, kif isir fi knejjes oħra. Dawn l-imseħbin jilbsu libsa tax-xoqqa ħoxna bajda bix-xbieha tas-Salib. F'din il-konfraternità għalissa nkitbu dawn li ġejjin jiġifieri:

Bartilmew Mamo, Franġisk Buttiġieġ, Gigor Dingli, Ġanni Dingli, Wenzu Dingli, Xmun Vella, Ġanninu Bonello, Mattew Mamo, Xmun Vella, Indrì Azzopardi, Nardu Azzopardi, Pietru Pace, Ġanni Aquilina, Luqa Said, Nardu Bonello, Vestru Azzopardi, Nikol Mamo, Ġużeppi Mamo, Nikol Arabi, Mark Mamo, Luqa Vassallo; għalissa ġew maħtura bħala prokuraturi Ġanni Dingli u Indrì Azzopardi.[5]

**Referenzi**

[1] Dan l-artiklu jkompli fejn ħallejna s-sena l-oħra meta tkellimna fuq iż-Żjara storika li għamel Mons. Pietru Dużina fl-1575 bħala viżitatur appostoliku. Ħallielna dokument importanti dwar din il-Viżta li minnha qed inġibu dak li sab fil-Knisja Parrokkjali tas-Siġġiewi, naturalment qed nirreferu għall-Knisja l-Qadima.

[2] Fl-oriġinal insibu l-kelma _oratorium_. Din qed tirreferi għal daħla fejn is-saċerdot kien jinġabar fit-talb qabel u wara ċ-ċelebrazzjoni ewkaristika.

[3] _Rit Gallikan_: interessanti dak li jistqarr il-Kappillan Dun Ġakbu Calleja li kien għadu jgħammed skont ir-Rit Gallikan minkejja li dan ir-rit kien ġie soppress mill-Konċilju ta' Trento biex jagħti lok għar-Rit Ruman rivedut mill-Papa Piju V. Dan ir-Rit kellu l-bidu tiegħu fl-Orjent u għadda għall-Ewropa skont xi wħud minn Sant'Irinew u tferrex fl-Ewropa mill-Belt ta' Lyon; oħrajn jgħidu li tferrex fl-Ewropa minn Milan li kienet il-belt kapitali tal-Imperu Ruman mis-sena 286-402. Insibuh mhux biss fl-Italja ta' Fuq u fi Franza imma wkoll fi Spanja u saħansitra fl-Irlanda.
Baqa' qawwi sat-tmiem is-seklu X. Imma forom differenti tiegħu baqgħu jippersistu għal sekli sħaħ li ġew wara taħt l-isem ta' Neo-Gallikan.

[4] Fl-oriġinal insibu l-kelma _robustus_ i.e. għadu jiflaħ ħafna.

[5] Ċertu kunjomijiet kif oriġinarjament miktuba: Buttigege, De Ingli, Bonellus, Zoppardus, Aquilinus, Saita, Arabi, Vassallus, d'ingli.